MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Numru. 547/2008

PULIZIJA
SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT
VS
JOHANN CHETCUTI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Johann Chetcuti ta' 28 sena, iben il-mejjet Joseph u Maria Teresa nee' Grech imwieled Pieta' fit-2 ta' Gunju 1980, residenti St. Anthony, Flat 1 Triq San Pawl, Bormla u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 267580(M)

Billi huwa akkuzat talli fit-3 ta' Gunju ghal-habta ta' 1p.m. waqt li kont fil-fond ta' Block E li jinsab fi Triq Halib It-Tajr Santa Lucija:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddihor f'perikolu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta'

Lorenza Cesare ta; 67 sena, minn Santa Lucija skond ma ccertifika t-tabib Dr. Jesmar Buttigieg Nru. 3022 mill-Isptar Mater Dei.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi uza arma rregolari fuq il-persuna ta' Lorenza Cesare.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, b'xi mod iehor imsemmi fil-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-paci pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti nghatat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat Johann Chetcuti hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 216(b), 217, 222A, 28A, 28G tal-Kap9. tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snien.

Inoltre tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti, di piu', tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' €1164.69 (ekwivalenti ghal Lm500) b'obbligazzjoni li ma jimmolestax u ma jkellimx lill-kwerelant Lorenza Cesare ai termini ta' l-Artikolu 382 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' ta' l-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt cardinali illi l-griehi tal-kwerelanti, li hija mara anzjana u *disabled*, sehhu ghaliex ntlaqqtet minn inkwadru bi hgiega li twaddab mill-imputat **f'direzzjoni tal-hajt** u li l-kwerelenti ccaqalqet u giet fil-linja tal-mira ta' l-oggett ggarat.

Il-Qorti temmen illi l-imputat ried aktar ibezza milli jwegga' lill-kwerelanti, altrimenti xejn ma kienx jzomm lil din il-Qorti li tinfliggi il-massimu ta' piena karcerarja mmedjata fuq l-imputat, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-kwerelanti hija mara anzjana b'disabillta'.

In oltre', l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------